# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 15 ta' Diċembru, 2022**

**Numru**

**Rikors Kostituzzjonali numru: 73/2019TA**

**Jonathan Ferris (I.D. 255473M)**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-rikors ta' Jonathan Ferris (ir-rikorrent) tal-10 ta' Mejju 2019 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. ''Illi l-esponent kien ilu jaħdem fil-Korp tal-Pulizija bħala Spettur mis-27 ta' Settembru 2011.
2. Illi f' Mejju 2016, huwa kien ġie mħajjar japplika għal position ta' *Manager Financial Analysis mal-Financial Intelligence Analysis Unit* (FIAU).
3. Illi billi l-esponent kien qiegħed iħoss illi kien hemm xi nuqqasijiet fil-korp tal-Pulizija kienet għoġbitu l-idea li jiġi impjegat mal-FIAU sakemm l-affarijiet jittranġaw fil-korp u għalhekk kien bgħat is-C.V. tiegħu u mar għall-interviews rispettivi sabiex jingħaqad mal-FIAU.
4. Illi f'Lulju 2016 l-esponent kien ġie mgħarraf illi kien intagħżel għal tali posizzjoni. Peress illi l-esponent kien impjegat mal-Ministeru tal-Intern, kull ma kien hemm bżonn, kienet il-firma mis-Segretarju Permanenti sabiex hu jiġi trasferit mal-Ministeru tal-Finanzi li taħtu taqgħa l-FIAU. Fil-fatt, l-esponent kien informa lis-sur Alfred Zammit, li kien ċempillu bl-aħbar, illi kien ikun aħjar li kieku

jċempel lill-Assistant Kummissarju Valletta mal-ewwel, u dan peress li l-Assistant Kumissarju Valletta huwa membru fuq il-board tal-FIAU u hekk ġara.

5. Illi ftit tal-jiem wara, l-esponent kien mar ikellem lill-intimat Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinfurmaħ illi kien bi ħsiebu jingħaqad mal-FIAU u li kien dritt tiegħu li jitlob secondment.

6. Illi bejn Awwissu u Ottubru 2016 l-esponent kellu diversi laqgħat mal-Kummissarju Cutajar, fejn xi drabi, kien ikun ukoll preżenti l-Assistant Kummissarju Dr Mario Spiteri, fejn f'dawn il-laqghat kien jiġi diskuss id-diversi talbiet u insistenzi tal-esponent li jiġi *seconded* mill-korp. Iżda dejjem sab reżistenza min-naħa tal-Kummissarju u baqa' sakemm *is-secondment* tiegħu qatt ma ġie aċċettat, avolja kien diġa ġie aċċettat bħala impjegat mal-FIAU u avolja qatt ma ngħat raġuni għar-rifjut tal-Kummissarju.

7. Illi mill-2013 sal-lum, kien sitta u għoxrin (26) Pulizija li ġew *seconded* kemm ma' entitajiet governattivi, kif ukoll, mal-privat u b'hekk l-esponent ma setgħax jifhem x'kienet ir-reżistenza li huwa jiġi *seconded*, speċjalment meta kienu l-FIAU stess li kienu avviċinaw sabiex jingħaqad magħhom.

8. Illi mingħajr ebda *secondment* min-naħa tal-korp, kellu jitlaq mill-korp sabiex jibda x-xogħol mal-FIAU;

9. Illi l-esponent beda jaħdem uffiċċjalment mal-FIAU fl-1 ta' Novembru 2016.

10. Illi waqt xogħolu mal-FIAU, beda jinnota ħafna nuqqasijiet u affarijiet li ma dehrlux illi kienu normali fi ħdan din l-awtorita' wkoll, iżda baqa' għaddej b'xogħolu. Fil-frattemp bdew ħierġin ħafna allegazzjonijiet fil-medja dwar *leaks* ta' rapport tal-FIAU dwar *politically exposed persons* (PEPs), kif ukoll fuq id-deal tal-LNG *tanker*, li l-esponenti ma kellux x'jaqsam magħhom.

11. Illi billi l-affarijiet fl-FIAU dehru li kienu sejrin għall-agħar, fis-17 t' Mejju 2017 l-esponenti kien mar ikellem lill-Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cutajar, fejn kien hemm preżenti wkoll l-Assistent Kummissarju Dr Mario Spiteri, u kien formalment talab sabiex jerġa jingħaqad u b'hekk ta bidu għar-*reinstatement procedure*, li kien infurmat illi ma kelliex tkun problema għaliex l-esponenti kien dejjem qeda' dmiru sew, apparti l-fatt illi kien jaf ħafna min-nies li ġew *reinstated* wara xi perjodu barra mill-korp.

12. Illi fis-16 ta' Ġunju 2017 l-esponent kien ġie mitlub jinżel l-uffiċċju tad-Direttur tal-FIAU fejn kien hemm ukoll preżenti Alfred Zammit, li għaddewlu ittra ta' *termination of employment* mingħajr ebda spjegazzjoni.

13. Illi fit-2 ta' Lulju 2017 l-esponent għamel talba uffiċċjali għar-reinstatement tiegħu fil-korp, iżda din it-talba baqgħet, sal-lum, mingħajr ebda risposta.

14. Illi mill-2013 sal-lum, kien hemm mija u dsatax-il (119*) resinstatement* fil-korp tal-Pulizija u l-esponenti reġa' ma setgħax jifhem ir-reżistenza li kien hemm għall-applikazzjoni tiegħu.

**<u>L-ilmenti kostituzzjonali:</u>**

**<u>Ksur tal-Protokoll Numru 12 għall-Konvenzjoni Ewropea.</u>**

15. Illi l-esponent isostni li l-fatti hawn fuq spjegati jammontaw għal diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu minħabba l-fatt illi huwa kien, f’żewġ okkazzjonijiet, u ċioe

meta talab *secondment* u meta talab *reinstatement*, f'posizzjoni identika għal ħaddieħor, iżda huwa ġie trattat differentament billi t-talbiet tiegħu dejjem ġew rifjuta.

16. Illi Protokoll 12 għall-Konvenzjoni Ewropea tipprovdi li d-dgawdija ta' kull dritt iddikjarat bil-liġi għandu jiġi assigurat mingħajr diskriminazzjoni għall-ebda raġuni, bħal sess, razza, kulur, lingwa, religion, opinjonijiet politiċi jew oħrajn, oriġini nazzjonali jew soċjali, sħubija ma' minoranza nazzjonali, proprjeta, twelid jew kwalunkwe status ieħor u li ħadd ma għandu jbagħti minn diskriminazzjoni minn naħa ta' kwalunkwe awtorita pubblika għall-ebda raġuni kif msemmija fil-paragrafu 1;

17. Illi skont l-*Explanatory Report to Protocol No. 12 to the Convention for the Protection of Human Rights and Fundamental Freedoms* il-lista ta' bażi ta' diskriminazzjoni mhijiex eżawrenti. Skont l-istess rapport, "*a difference of treatment is discriminatory if it has no objective and reasonable justification, that is, if it does not pursue a legitimate aim or if there is not a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised".*

18. Illi l-esponent jissottometti li fil-każ tiegħu, ma kien hemm ebda ġustifikazzjoni raġjonevoli u anqas oġġettiva għad-differenza fit-trattament tiegħu meta kkomparat ma' membri tal-korp oħrajn li ġew *seconded,* u anqas meta kkomparat ma' persuni li ġew *reinstated*. B'hekk id- differenza fit-trattament tal-każ tiegħu, meta pparagonat ma' dawk ta' dawn in-nies, ma kinitx intiża għal skop leġittimu u għalhekk saret bi ksur tal-Protokoll 12 għall-Konvenzjoni Ewropea.

***<u>Ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 14 tal- Konvenzjoni Ewropea</u>***

19. Illi l-esponent jissottometti wkoll illi li kieku huwa ġie re-instated kif kellu kull dritt illi jiġi, iżda li arbitrarjament ma ġiex, huwa kien ikun intitolat għal service pension meta huwa jagħlaq is-sittin (60) sena, flimkien mal-pensjoni kontributorja li huwa jirċievi meta huwa jagħlaq 65. Iżda, pero, peress illi ma ġiex re-instated huwa tilef id-dritt illi jirċievi s-*service pension* li għandu jingħad, jogħla ma' kull grad ta' Pulizija.

20. Illi bl-istess mod, li kieku l-esponent ġie seconded kif ukoll kellu d-dritt illi jagħmel matul iż-żmien illi huwa dam jaħdem mal-FIAU, allura kien ikun għadu membru tal-Korp illum il-ġurnata u kien ikun għadu intitolat għas-*service pension* kif hawn fuq spjegat.

21. Illi f'dan ir-rigward, din il-Qorti għandha tinnota li l-esponent kien biss madwar erba' snin 'il bogħod sabiex ikun eliġibbli biex jilħaq Supratendent, grad li jġib miegħu paga ogħla, kif ukoll, pensjoni ogħla.

22. Illi l-esponent hawnhekk jagħmel referenza għall-każistika tal-Qorti Ewropea, illi stabbiliet, kemm-il darba, illi l-entitlement għal pensjoni taqa' taħt id-definizzjoni ta' "*possessions*" u għalhekk id-deprivazzjoni tal-istess entitlement tattira l-ġurisdizzjoni tal-Qrati kostituzzjonali bl-invokazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea. Fil-fatt, fil-każ, ***Béláné Nagy (Béláné***

***Nagy v. Hungary [GC], no. 53080/13, ECHR 2016)***, il-Qorti Ewropea tenniet illi:

*"117.* ***The Court reiterates that the deprivation of the entirety of a pension is likely to breach the provisions of Article 1 of Protocol No. 1*** *and that, conversely, reasonable reductions to a pension or related benefits are likely not to do so. However, the fair balance test cannot be based solely on the amount or percentage of the reduction suffered, in the abstract. In a number of cases the Court has endeavoured to assess all the relevant elements against the specific background (see Stefanetti and Others, cited above, § 59, with examples and further references; see also Domalewski v. Poland (dec.). no. 34610/97, ECHR 1999-V). In so doing, the Court has attached importance to such factors as the discriminatory nature of the loss of entitlement (see Kjartan Ásmundsson, cited above, § 43); the absence of transitional measures (see Moskal, cited above, § 74, where the applicant was faced, practically from one day to the next, with the total loss of her early-retirement pension, which constituted her sole source of income, and with poor prospects of being able to adapt to the change); the arbitrariness of the condition (see Klein, cited above, § 46), as well as the applicant's good faith (see Moskal. cited above, § 44)."*

**23.** Illi fid-dawl ta' dan, l-esponent jissottometti illi d-deprivazzjoni totali tas-*service pension* tiegħu a konsegwenza tad-deċiżjoni arbitrarja għall-aħħar illi ma jiġix *seconded* u anqas *re- instated* fil-Korp tal-Pulizija u dan mingħajr ebda raġuni valida fil-fatt jew fil-liġi, tammonta wkoll għal ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u dan anke meta mehud kontestwalment mal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u dan billi nies oħra, li kienu fi stat ugwali li kien fiħ l-esponent (jekk mhux ukoll fi stat agħar, fis-sens illi ma kellhomx ir-rekord impekkabbli li kellu l-esponent), ġew fil-fatt *re-instated* fil-Korp u għalhekk ibbenefikaw, jew ser jibbenefikaw mis-service pension li ġie mċaħħad lill-esponent.

**<u>Talbiet</u>**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet suesposti, l-esponent umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1) Tiddikjara li t-trattament tal-każ tal-esponent kif hawn fuq spjegat u kif ser jiġu ppruvat fil-mori tal-kawża, jammonta għal diskriminazzjoni ai termini tal-Protokoll 12 għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Harsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertaijiet Fondamentali:

2) Tiddikjara li t-trattament tal-każ tal-esponent kif hawn fuq spjegat u kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża, jammonta għal vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea, mehud waħdu kif ukoll mehud kontestwalment mal-Artikolu 14 tal- istess Konvenzioni;

3) Tillikwida kumpens għal tali ksur;

4) Tikkundanna lill-intimat iħallas il-kumpens hekk illikwidat;

5) Tagħti kull ordni, direttiva jew provvediment li jidrilha li huwa xieraq sabiex l-esponenti jitpoġġa fl-*istatus quo ante* tal-vjolazzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-intimat''.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija (intimat Kummissarju) tas-27 ta' Mejju 2019 li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:

''Illi l-ilment tar-rikorrenti huwa mibni fuq il-fatt li ma kienx re-instated mal-Korp tal-Pulizija jew seconded mill-Korp tal-Pulizija u li per konsegwenza skont ir-rikorrenti dan wassal għall-allegata leżjoni tad-drittijiet protetti permezz tal-Ewwel Artikolu tal-Protokoll Tnax, tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll waħdu u kif abbinat mal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrenti iffiser li l-ilment tiegħu huwa *"li l-fatti hawn fuq spjegati jammontaw għal diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu minħabba l-fatt illi huwa kien, f'żewġ okkazzjonijiet, u ċioe meta talab secondment u meta talab reinstatement. F'posizzjoni identika għal ħaddieħor, iżda huwa ġie trattat differentament billi t-talbiet tiegħu dejjem ġew rifjuta [recte rifjutati]"* u *"illi d-deprivazzjoni totali tas-service pension tiegħu a konsegwenza tad-deċiżjoni arbitrarja għall-aħħar illi ma jiġix seconded u anqas re-instated fil-Korp tal-Pulizija u dan mingħajr ebda raġuni valida fil-fatt jew fil-liġi, tammonta wkoll għal ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u dan anke meta mehud kontestwalment mal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u dan billi nies oħra, li kienu fi stat ugwali li kien fiħ l-esponent (jekk mhux ukoll fi stat agħar, fis-sens illi ma kellhomx ir-rekord impekkabbli li kellu l-esponent), ġew fil-fatt re-instated fil-Korp u għalhekk ibbenefikaw, jew ser jibbenefikaw mis-service pension li ġie mċaħħad lill-esponent"*

Illi l-esponenti jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti:

1. ''Illi in linea preliminari, ir-rikorrenti qiegħed jabbuża mill-proċess kostituzzjonali stante illi qiegħed jadopera proċedrua straordinarja bħal ma hija l-proċedura odjerna meta kellu a disposizzjoni tiegħu rimedji ordinarji sabiex iħares id-drittijiet pretiżi minnu. Illi d-deċiżjoni jew nuqqas ta' l-għoti ta' deċiżjoni amministrattiva twassal għall-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju skont dak li jipprovdi l-Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Civili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta). F'dan ir-rigward l-esponenti għalhekk jeċepixxi n-nuqqas ta' eżawriment tar-rimedji ordinarji da parti tar-rikorrenti u l-esponenti jistieden lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeklina milli teżerċita l-ġurisdizzjoni konvenzjonali tagħha ai termini tal-proviso għall-Artikolu 4 (2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jibda biex jissottometti li bħala fatti li jiċċirkondaw dan il-każ, kif sejjer jirriżulta mill-provi, fizzjali ma jiġux seconded ma' entitajiet u dan għar-raġuni l-aktar ovvja li l-Korp tal-Pulizija li huwa korp dixxiplinat fejn ir-riżorsi speċjalment fir-*rank* minn fizzjali 1 fuq huma ferm importanti sabiex ikun jista' jwettaq il-ħidma siewja tiegħu fl-aħħar mill-aħħar sabiex jigarantixxi pajjiż sigur fejn jirrisjedu ma jistax jitpoġġa f' posizzjoni fejn ċertu ranks ikunu vakanti minħabba *secondment* u li per konsegwenza l-Korp ma jkunx jista' jimla' tali vakanza minħabba s-*secondment* tal-fizzjal. Illi r-rikorrenti ġie mgħarraf b'dan kollu fit-22 ta' Novembru 2016. Illi kif ser jintwera f'dina l-kawża, ir-rikorrenti ibbenefika mill-*leave* kollu li kellu (liema ammont ta' *leave* kien wieħed sostanzjali kif ukoll minn dak li huwa

magħruf bħala *vice leave*) u li għalhekk l-aħħar ġurnata tar-rikorrenti mal-Korp kienet dik tal-19 ta' 2017. Illi mir-rikors promotur jirriżulta li l-impjieg tar-rikorrenti mal-FIAU spiċċa fis-16 ta' Gunju 2017 u li sussegwentement l-esponenti rċieva rikjesta mir-rikorrenti datata 16 ta' Gunju 2017 sabiex jiġi reinstated. Illi sabiex persuna li tkun membru fil-Korp terġa' tiġi re-instated tali re-instatement irid ikun fl-interess pubbliku u li f'dan il-każ, tenut kont tal-imġieba tar-rikorrenti fiż-żmien li talab ir-reinstatement li kinitx sinonima ta' dixxiplina għolja li jirrikjedi l-Korp speċjalment mill-fizzjali u dan kif ser jirriżulta fil-kawża, ma kienx fl-interess pubbliku li r-rikorrenti jiġi *re-instated*;

3. Illi in kwantu r-rikorrenti qiegħed jinvoka l-Ewwel Artikolu tat-Tnax-il Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-esponenti jissottometti li r-rikorrent ma rabat l-allegata lezjoni fuq l-ebda kawzali li jagħmel riferenza għaliha dan l-artikolu. Illi abbażi ta dan in-nuqqas biss, l-allegazzjoni tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda.

   Illi dan l-artikolu huwa magħmul minn erba' elementi li jridu jiġu sodisfatti kollha sabiex wieħed jibda jitkellem fuq lezjoni ta' dan id-dritt u ċioe' (a) li r-rikorrenti jkun qiegħed igawdi minn dritt mogħti fil-liġi nazzjonali; (b) li skont il-liġi nazzjonali l-awtorita' pubblika tkun marbuta li taġixxi b'ċertu mod; (c) illi l-awtorita' pubblika jkollha diskrezzjoni; u (d) li jkun hemm azzjoni jew omissjoni mill-awtorita' pubblika. Illi minn imkien fir-rikors promotur ma nsibu xi aċċenn li b'xi mod juri li dawn l- elementi jinstabu sodisfatti jew li l-awtorita' pubblika kellha obbligu li taġixxi b'ċertu mod u dan ma għamlitux.

   Illi in kwantu r-rikorrenti jallega li ma kien hemm ebda ġustifikazzjoni raġonevoli jew oġġettiva sabiex huwa jiġi *seconded* jew reinstated, l-esponenti jissottometti li kif intwera aktar 'il fuq f'dina r-Risposta, fizzjali ma jiġux *seconded* u dan għal raġuni oġġettiva li l-Korp ma jistax jitpoġġa f' sitwazzjoni fejn ma jkunx jista' jiffunzjona minħabba li ma jkunx jista' jimla l-vakanza li tinħoloq mis-*secondment* tal-fizzjali kif ukoll li sabiex persuna tkun *reinstated* fil-Korp dan irid ikun fl-interess ġenerali. Illi kif ser jirriżulta mill-provi ma kien hemm l-ebda differenza fit-trattament tar-rikorrenti meta kkumparat ma' membri oħra fil-Korp li kienu jinstabu fl-istess sitwazzjoni identika bħal dik tar-rikorrenti.

4. Illi in kwantu r-rikorrenti qiegħed jallega ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni, l-esponenti jissottometti li safejn l-ilment tar-rikorrenti huwa msejjes fuq l-Ewwel Artikolu tal- Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-esponenti jirrileva li skont il-*proviso* ta' dan l-istess artikolu, l-Istat għandu kull jedd li jgħaddi dawk il-liġijiet li jidhirlu xierqa biex jikkontrolla l-użu tal-possedimenti skont l-interess ġenerali. Illi hija ġurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasburgu li l-Istat igawdi minn diskrezzjoni wiesgħa sabiex jidentifika x'inhu meħtieġ fl-interess ġenerali u sabiex jistabilixxi liema huma dawk il-miżuri meħtieġa għall-ħarsien tal-interess ġenerali.

5. Illi l-pensjoni tas-servizz mal-Korp hija regolata b'disposizzjonijiet li jinsabu fl-Att dwar il-Pulizija (Kap. 164 tal-Liġijiet ta' Malta) liema disposizzjonijiet ir-rikorrenti ma ssodisfax. Illi aktar minn hekk, id-deċiżjoni li r-rikorrenti ma jiġix *seconded* jew reinstated kienu deċiżjoni impernijati fuq raġunijiet oġġettivi u fl-interess ġenerali magħmula skont il-liġi u għall-għan leġittimu.

   Illi għal dak li jirrigwarda l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, l-esponenti jissottometti li min imkien ma huwa ndikat fuq liema kawzali jew stat ir-rikorrenti qed jallega

li qiegħed jiġi diskriminat. Illi għalhekk anke fuq din ir-raġuni biss l-ilment tar-rikorrenti ma jistax jiġi kunsidrat. Ma jistax ikollok pretensjoni ta' diskriminazzjoni *in vacuo* mingħajr ma tkun indikata l-allegata bażi tad-diskriminazzjoni.

Illi l-esponenti jissottometti li huwa neċessarju illi sabiex wieħed jitkellem fuq diskriminazzjoni jrid ikun qiegħed jipparaguna sitwazzjonijiet li mhumiex oġġettivament differenti sabiex il-paragun isir fuq il-basi ta' *like with like'*. Di piu, l-esponenti jissottometti li huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja illi mhux kull '*distinzjoni*' neċessarjament tammonta għal '*diskriminazzjoni*' fis-sens ta' l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.
7. Bl-ispejjeż''.

Rat l-atti u dokumenti kollha.

Semgħet ix-xhieda.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet.

Rat li r-rikors tħalla għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

Ir-rikorrent kien jaħdem mal-intimat Kummissarju bħala Spettur mis-27 ta' Settembru 2011. F'Mejju tal-2016 tħajjar li japplika għall-posizzjoni ta' *Manager Financial Analysis* mal-*Financial Intelligence Analysis Unit* (FIAU). Kif fhemet il-Qorti, ir-rikorrent tħajjar biex japplika wara li tkellem ma' Manfred Galdes li kien uffiċjal fl-FIAU. Manfred Galdes irriżenja ftit taż-żmien wara minn mal-FIAU.

Fost ir-raġunijiet li waslitu biex japplika dik prinċipali kienet li beda jħoss li kien hemm nuqqasijiet fil-Korp tal-Pulizija. Għalhekk għamel xi interviews biex jingħaqad mal-FIAU. F'Lulju ta' dik is-sena ġie mgħarraf li kien intgħażel għall-posizzjoni imsemmija mal-FIAU.

Ftit tal-jiem wara, ir-rikorrent mar għand l-intimat Kummissarju, dak iż-żmien Lawrence Cutajar, biex juriħ bil-ħsieb li kien ser imur il-FIAU u li kien dritt tiegħu li jitlob *secondment.*

Ir-rikorrent kellu diversi laqgħat mal-Kummissarju ta' dak iż-żmien, Lawrence Cutajar, anke fil-presenza ta' Dr. Mario Spiteri dwar it-talba tiegħu għal *secondment* mill-Korp għal mal-FIAU. Iżda t-talba tiegħu qatt ma ġiet aċċettata u dan mingħajr ma ngħatat ebda raġuni.

Minħabba l-fatt li ma nagħatx *secondment,* kellu jirriżenja mill-Korp biex jibda mal-FIAU. Il-Qorti mill-ewwel tirrileva li dwar il-data tat-terminazzjoni, il-partijiet ma jidhrux li jaqblu dwarha, tant li meta kien diġa' beda jaħdem mar-rikorrent, kien hemm anke xi *overlapping*.

Ir-rikorrent beda jaħdem mal-FIAU fl-1 ta' Novembru 2016. Anke f'dan l-impieg beda jinnota xi nuqqasijiet u ħwejjeġ li ma kienux normali. Meta kien f'dan l-impieg bdew ħerġin ħafna xnigħat fil-media jallegaw dwar rapport fl-FIAU li jirrigwardaw persuni meqjusa bħala *politically exposed persons* u d-deal tal-LNG Tanker. L-esponent jinsisti li ma kellux x'jaqsam ma' dawn il-leakages.

Peress li skont ir-rikorrent, l-affarijiet fl-FIAU l-affarijiet bdew sejrin għall-agħar, fis-17 ta' Mejju 2017 reġa' mar ikellem lill-Kumissarju ta' dak iż-żmien, Lawrence Cutajar. Fil-preżenza tal-Assitent Kummissarju Mario Spiteri talab sabiex jerġa' jissieħeb fil-Korp tal-Pulizija u biex għalhekk jingħata l-bidu għall-proċess ta' *reistatement* tiegħu. Ir-rikorrent jgħid illi kien jaf b'ħafna nies li ġew *reinstated* u kien jidhirlu li ma hemmx problema biex dan iseħħ. Wara din il-laqgħa, fis-16 ta'

Gunju 2017, kien mitlub sabiex jinżel l-Uffiċju tal-FIAU fejn fil-presenza ta' Alfred Zammit, ingħata ittra ta' *termination of employment* li fiha ma kienx hemm raġuni għat-terminazzjoni. Fit-2 ta' Lulju 2017, l-esponent għamel talba uffiċjali lill-Intimat Kummissarju, dak iż-żmien Lawrence Cutajar, sabiex jiġi *reinstated* fil-Korp tal-Pulizija li sal-lum ma jidhirx li nagħatat risposta għaliha.

Minħabba f'hekk qed issir din il-Kawża kontra l-intimat Kummissarju.

**<u>Punti ta' Liġi</u>**

L-ilment tar-rikorrent huwa fis-sens, li l-għemil tal-Kummissarju intimat, konsistenti fiċ-ċaħda għat-talba għal transfer minn mal-Korp għal mal-FIAU u għall-fatt li tħalla fil-limbu mingħajr ebda risposta, għat-talba tiegħu li jkun *reinstated* fil-Korp wara li spiċċa mill-impieg mal-FIAU, jikkostitwixxi diskriminazzjoni ai termini tal-protokoll 12 tal-Konvenzjoni. Konsegwentement, dan wassal ukoll għal vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni mehud kemm waħdu u kontestwalment mal-artikolu 14 tal-istess konvenzjoni.

Huwa biss fil-premessi tar-rikors li jiġi ċċarat. Li l-invokazzjoni tal-artikolu 14 tal-konvenzjoni tirreferi ukoll għal fatt, li l-r-rikorrent mhux ser ikun qiegħed jibbenifika mis-*service pension* li ġie mċaħħad lill-esponent. Dan ifisser, li jekk tfalli l-ewwel talba il-Qorti ma għandiex għalfejn tikkonsidra t-tieni talba u l-anqas ksur taħt artikolu 14, għaliex dan tal-aħħar qiegħed ikun marbut sfieq mal-ksur tal-artikolu 1 tal-Ewwel protokoll.

Protokoll 12 tal-konvenzjoni jiddisponi :

*1.The enjoyment of any right set forth by law shall be secured without discrimination on any ground such as sex, race, colour, language, religion, political or other opinion, national or social origin, association with a national minority, property, birth or other status.*

*2. No one shall be discriminated against by any public authority on any ground such as those mentioned in paragraph 1.*

Mad-daqqa t'għajn, dan l-artikolu għandu xebħ mal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni. Imma fis-sewwa teżisti differenza fis-sens li dan l-artikolu ma hux limitat għad-drittijiet speċifikament imsemmija mill-Konvenzjoni. Aktar minn hekk dan l-artikolu jipproteġi lill-individwu espressament minn għemil diskriminatarju imwettaq minn Awtorita' pubblika. Dan huwa ukoll artikolu li jimponi obbligu posittiv fuq l-Istat biex jilleġisla sabiex ma jippermettix diskriminazzjoni mhux biss fil-kamp pubbliku iżda ukoll fil-privat,

Dwar dan l-awturi josservaw is-segwenti fir-rigward ta' protokoll 12 :

"*The Protocoll does not prevent all differential treatment. The notion of discrimination is to be understood in the same way as that already existing under article 14. Differences of treatment that can be justified by objective and reasonable grounds should be compatible with Protocol 12. Also the list of no discrimination grounds remains as article 14, it being understood that it was not necessary to add new badges of discrimination to the list given its non-exclusive nature, the Court's capacity to do this in any case, and for fear that the inclusion of any particular additional ground might give rise to unwarranted a' contrario*

*interpretations as regards discrimination based on grounds not so included."* (Ara **Law of the European Convention On Human Rights, Harry Boyle and Warick, 4th Edition, pg 802**. Ara ukoll **Explanatory Report para 16 & para 20**).

Fi ftit kliem l-istess tagħlim ġurisprudenzjali, kemm lokali u kif ukoll dak li tal-ECHR, dwar artikolu 14 huwa similment applikabbli għall-protokoll 12. Dan l-aħħar Protokoll huwa addizzjonali għall-protezzjoni li jagħti artikolu 14 biex tinħoloq ebda sitwazzjoni fejn xi xorta ta' diskriminazzjoni li ma tkunx koperta b'dan l-aħħar artikolu ma tkunx tista' tiġi rimedjata.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Il-Qorti ser l-ewwel tgħaddi biex tindirizza l-eċċezzjoni numru wieħed tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija. Din hija fis-sens, li r-rikorrent kellu għad-disposizzjoni tiegħu r-remedju li joffri l-artikolu 469A tal-Kap tal-liġijiet ta' Malta.

*<u>Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.</u>*

Dan l-artikolu jipprovdi għall-Qrati li jistgħu jiskrutinjaw deċiżjonijiet tal-Esekuttiv. Din il-Qorti kif presjeduta diġa' kellha okkażjoni li tippronunzja ruħha dwar din ix-xorta ta' eċċezzjoni.

l-Qorti tfakkar, li m'għandhiex ġurisdizzjoni tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-awtorita\` amministrattiva, u li artikolu 469A tal-Kap. 12 jagħti biss il-poter lill-qrati jissindikaw il-validita\` tal-egħmil amministrattiv u jekk ikun il-każ jiddikjaraw tali egħmil null, invalidu u bla effett. ( Ara **Sentenza tat-30 ta' Marzu, 2022 fl-**

**ismijiet AE Francis Busuttil & Sons Limited-vs-Kontrollur tad-Dwana, Qorti tal-Appell [Superjuri]**.)

Dan ifisser, li meta l-Qorti tissindika għemil amministrattiv, il-Qorti ma tidħolx fil-mertu jekk dan kienx tajjeb jew ħażin, imma tindaga biss jekk dan kienx skond il-liġi, jiġifieri jekk id-deċiżjoni amministrattiva ittieħditx fil-qafas tas-setgħat mogħtija mill-liġi.

Għalhekk l-istħarriġ ġudizzjarju huwa mezz fundamentali biex jaċċerta li l-awtoritajiet pubbliċi ma jaqbżux il-limiti tagħhom u tiġi rispettata s-saltna tad-dritt. Għalhekk, meta Qorti tiskrutinja għemil amministrattiv, hija tiddeċiedi <u>biss jekk dak l-għemil għandux jitħassar jew le</u>, <u>iżda ma tbiddilx deċiżjoni meħuda mill-awtorita` pubblika</u> li jkollha s-setgħa li tiddeċidiha. Fi ftit kliem, l-azzjoni ta' stħarriġ hija maħsuba sabiex ma jkunx hemm fost oħrajn straripament ta' poteri.

Il-Qorti sservi ta' riedni, li permezz tiegħu tpoġġi lill-Awtorita' Pubblika f'postha skond il-liġi, u b'hekk jiġi eliminat kull sfratt amministrattiv li jkun qed jikkawża preġudizzju liċ-ċittadin. Il-Qorti trid teżamina għalhekk, jekk id-diskrezzjoni konferita lill-Awtorita Pubblika, f'dan il-każ, l-intimat Kummissarju, ġietx eżerċitata b'mod raġjonevoli.

B'"diskrezzjoni" nifhmu dak li fit-tagħlim legali fuq il-materja tfisser il-poter "…..*to make a choice between alternative courses of action or inaction*" (Ara **DeSmith, Woolfe & Jowell Principles of Judicial Review (5th Edit, 1995), paġ. 296**). Di piu, din il-Qorti trid ukoll iżżomm quddiem għajnejha, il-possibilita' li bid-deċiżjoni tagħha saħansitra telimina il-potenzjal ta' skariġġ ulterjuri bit-tfaqqis

ta' kawżi oħrajn fost oħrajn anke dawk Kostituzzjonali u Konvenzjonali sabiex jingħata rimedju effettiv.(Ara **Sentenza tal-PA tat-22 ta' Settembru 2022 fl-ismijiet Halima Zbat -vs-Direttur taċ-Cittadinanza u Expatriate Affairs**).

Huwa ukoll minnu, li meta deċiżjoni eżekuttiva tiġi annullata bis-saħħa ta' azzjoni ai termini tal-artikolu 469A, il-partijiet jerġgħu jiġu fil-posizzjoni li kienu qabel. Issa fil-każ ta' *secondment*, jekk dejjem rikorrent għandu raġun, kien jibqa' fl-impieg jekk ma jingħatax *secondment* u fil-każ ta *reinstatement* kien jibqa' barra l-korp tal-Pulizija, għaliex kif intqal fil-Kawża *reinstatement* jassumi li ma għadux fil-korp.

Din piu' taħt artikolu 469A ma jistgħux jingħataw danni salv f'ċertu sitwazzjonijiet limitati. L-anqas ma dan l-artikolu ma jipprovdi għal danni morali, kif toffri azzjoni kostituzzjonali jew konvenzjonali. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni ser tkun miċħuda.

*<u>Definizzjoni ta' Drittijiet fundamentali għal fini ta' Kap 319 tal-liġijiet ta' Malta.</u>*

L-intimat Kummissarju fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu jissolleva li l-Protokoll 12 tal-Konvenzjoni ma hux applikabbli għaliex dan il-protokoll ma jinkwadrax f'artikolu tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Artikolu 2 jgħid hekk:

*"Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali" tfisser dawk id-drittijiet u libertajiet elenkati fl-artikoli 2 sa 18 (inklużi) tal-Konvenzjoni u l-artikoli 1 sa 3 (inklużi) tal-Ewwel Protokoll, l-artikoli 1 sa 4 (inklużi) tar-Raba' Protokoll, l-artikoli 1 u 2 tas-Sitt Protokoll u l-artikoli 1 sa 5 (inklużi) tas-Seba' Protokoll li*

*hemma l-Konvenzjoni, liema artikoli qegħdin jinġiebu fl-Ewwel Skeda”* (Ara para 37 a’ fol 240).

Il-Qorti setgħet ma ħaditx konjizzjoni ta’ din l-osservazzjoni għaliex ma tqanqlitx bħala risposta oriġinali u dan għaliex ma kienitx parti mid-dibattitu waqt it-trattazzjoni tal-Kawża. Dan iċaħħad lill-parti kuntrarja milli qatt setgħet tiddefendi lilha nnifisha fuq dan il-punt. B’dana kollu din il-Qorti xorta tħoss li għandha tkun indirizzata *ad futuram memoria.*

Huwa minnu d-definizzjoni tal-liġi taħt Kap 319 hija limitata għal Protokolli espressament imsemmija. Għal xi raġuni l-Protokoll numru 12 ma hiex waħda minnhom. Pero’ huwa minnu ukoll li l-Istat Malti irratifika dan il-Protokoll u daħal fis-seħħ fl-1 ta’ April 2016. B’hekk dan il-Protokoll, anke jekk ma jsemmiex kif fuq ingħad, xorta jagħmel parti mir-reġim legali tagħna. Għalhekk il-Qorti hija obbligata li tieħu konjizzjoni tiegħu anke minħabba l-obbligazzjonijiet internazzjonali li għandha.

Għalhekk din il-Qorti ma tqis li din l-osservazzjoni hija valida.

*<u>Il-Protokoll 12 tal-Konvenzjoni</u>*

Kif diġa’ aċċennat aktar ‘l fuq, ir-rikorrent qiegħed jinvoka il-ħarsien li jagħti l-Protokoll 12 tal-liġijiet ta’ Malta mill-għemil tal-intimat Kummissarju meta ġie lilu mċaħħad is-*secondment* għal FIAU mill-Korp u meta baqa’ mingħajr risposta għat-talba tiegħu li jkun *reinstated* fil-Korp għalkemm kif ser jingħad aktar ‘l quddiem kienet għadha qed tkun ikkunsidrata.

Il-Protokoll 12 tal-Konvenzjoni huwa maħsub li jagħti protezzjoni ġenerali u llimitata in relazzjoni ta' kull dritt li jispetta lill-individwu taħt il-liġi. L-ermenawtika ġurisprudenzjali tal-ECHR hija fis-sens li "*the notions of discrimination prohibited by both Article 14 of the Convention and Article 1 of Protocol No. 12 were to be interpreted in the same manner*" (Ara **Pilav- vs- Bosnia and Herzegovina, 2016, Zornić -vs- Bosnia and Herzegovina, 2014** u **Sejdić et -vs- Bosnia and Herzegovina 2009**). Għalhekk il-Protokoll 12 imur lil hinn mit-*"tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni"* (Ara art 14 tal-Konvenzjoni).

Skond l-**Explantory Notes** dwar dan il-Protokoll *"the additional scope of protection under Article 1 concerns cases where a person is discriminated against:*

i. *in the enjoyment of any right specifically granted to an individual under national law;*

ii. *in the enjoyment of a right which may be inferred from a clear obligation of a public authority under national law, that is, where a public authority is under an obligation under national law to behave in a particular manner;*

iii. *by a public authority in the exercise of discretionary power (for example, granting certain subsidies);*

iv. *by any other act or omission by a public authority (for example, the behaviour of law enforcement officers when controlling a riot).".*

F'dan ir-rigward, ma hux neċessarju li jkun speċifikat liema mill-erbgħa elementi huwa kopert mill-ewwel jew mit-tieni paragrafu ta' dan il-Protokoll. Iż-żewġ paragrafi jikkomplimentaw lil xulxin u dan għaliex, u l-effett kombinat huwa, li dawn l-erbgħa elementi huma koperti mill-ewwel paragrafu. Irid ukoll jinżamm f'moħħ min għandu jiddeċiedi, li d-distinzjonijiet bejn l-erbgħa kategoriji elenkati, ma humiex daqstant ċari u dan b'konsegwenza tal-fatt, li s-sistemi legali domestiċi ta' kull pajjiż jista' jkollhom atitudni differenti dwar liema każ jaqa' taħt liema mill-kategoriji imsemmija.

Issa kif diġa' rilevat, L-ilment tar-rikorrent jirreferu għal żewġ talbiet li għamel. L-ewwel waħda biex ikun sekondat minn mal-Korp għall-FIAU u tieni waħda meta kellu l-impieg tiegħu mal-FIAU terminat u għalhekk talab li jkun *reinstated*. Għalhekk il-Qorti ser tkun qed tikkunsidrhom f'din l-ordni:

**<u>Is-Secondment</u>**

Kif spjegat aktar 'l fuq, in-nozjoni ta' diskriminazzjoni taħt dan il-Protokoll hija bħal dik taħt artikolu 14 tal-Konvenzjoni iġifieri trid tkun tikkonsisti f'*"difference in treatment of persons in analogous, or relevantly similar situations" u trid tkun "based on an identifiable characteristic, or 'status'"* (Ara **Biao- vs- Denmark 2016; Carson and Others -vs- United Kingdom 2010, D.H. et -vs- the Czech Republic 2007; Burden -vs- United Kingdom 2008, Varnas- vs- Lithuania, 2013 u Hoogendijk -vs- the Netherlands 2005**).

X'jikkonsisti sitwazzjoni analoga jiddependi miċ-ċirkostanzi ta' kull każ. Jekk is-sitwazzjoni hija analoga għall-oħrajn li ġew trattati b'mod favorevoli u fil-każ ta'

individwu ieħor dan ma sarx, allura *similia similitus solvitur.* Għalhekk irid ikun eżaminat x'qiegħed jintalab u l-iskop li għalih qed issir din it-talba. F'dawn il-proċeduri r-rikorrenti talab li jkun sekondat minn mal-intimat Kummissarju għal mal-FIAU. Jekk din il-Qorti issib li kien hemm talbiet simili jew anologi għal din, ikun ifisser li r-rikorrent għandu raġun.

Per eżempju, fil-każ fejn oħt talbet eżenzjoni mill-ħlas ta' taxxa ta' suċċessjoni għaliex kienet dejjem għexet ma' oħtha il-mejta daqs li kieku kienu familja waħda minkejja li ma kienux miżżewwġin, ma ġietx aċċettata t-teżi tal-analoġija, peress li ECHR ikkunsidrat li l-paragun ma kienx tajjeb (Ara **Burden-vs-UK 2008**). Fil-waqt fil-każ fejn missier qanqal id-diskriminazzjoni għaliex hu ma kellux dritt għall-parental leave bħal omm mat-twelid ta' tarbija, ġiet ikkunsidrat bħala sitwazzjoni analoga għaliex wara kollox it-tnejn huma l-istess ġenituri tat-tarbija u t-tnejn għandhom l-obbligu jindukraw lit-tarbija tat-twelid (Ara **Konstantin Marken -vs- Russia 2011**).

Fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti eżaminat il-provi fir-rigward ta' dan il-punt. Il-Qorti tibda biex tistqarr li ma kien xejn faċli għaliha tagħmel dan l-eżami peress li jidher li l-prassi ta' organiżazzjoni interna tal-Korp tal-Pulizija huwa ftit li xejn konvenzjonali. Ma hux ċar jekk il-Korp iħaddanx l-istess definizzjoni tal-bqija taċ-ċivil għaliex kliem bħal secondment, transfer u ċaqliq ġieli jintużaw anke "*interchangeably*"u mhux dejjem għandhom l-istess tifsira.

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-aktar xhieda importanti li jitfa' dawl fuq dan il-punt, għalkemm mhux daqstant ordnata, dwar xi jfisser *secondment* hija dik tas-Superintendent Kenneth Haber. Dan xehed l-ewwel darba fis-seduta tas-27 ta'

Jannar 2020 (a' fol 57). Dak in-nhar esebixxa dokument li jikkomprendi lista' ta' dawk il-fizzjali kollha li ġew *transferred* mill-2022 (a' fol 57).

Reġa' xehed fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2020. Il-Qorti staqsitu:

"**Qorti**: *Mela f'dan id-dokument hemm is-secondments kollha li saru?*

**Xhud:** *Ehe <u>imma mhux kollha huma tal-istess kundizzjonijiet</u>. Ha nispjega l-iktar haga bazika. Hemm min qieghed, baqa' ghaddej bis-servizz u baqa' ghaddej bil-paga, u hemm min qieghed minghajr il-paga u u minghajr is-servizz.*"

**Dr.Evelyn Borg Costanzi**: *Dormant.*

**Xhud**: *Ezatt*." (Emfażi tal-Qorti)

U l-Qorti b'referenza għal dak id-dokument reġgħet staqsietu:

"**Qorti:** *Imma d-dokument jirrisulta x'kien it-transfer u fejn?*

**Xhud**: *Iva u le*." (a' fol 63 tergo) .

Il-Qorti fhemet li x-xhud beda jsib problema biex jagħti spjegazzjoni tan-nozzjoni *secondment.* Għalhekk, bl-aħħar risposta tiegħu ftit li xejn għen biex din il-kobba ta' terminologiji ta' relazzjonijiet industrijali fi ħdan il-Korp tinħall. Di fatti ir-rikorrent reġa' ħarrek lill-imsemmi xhud fejn xehed fis-seduta tal-1 ta' Diċembru 2020.

B'referenza għall-aħħar xhieda tiegħu mill-ewwel beda bil-preambula "…nixtieq li dik il-lista (sic a' fol 58!) tiġi rtirata u ħa ngħidlkom għaliex. Konna għamilniha fi żmien qasir u kien hemm xi żbalji żgħar fiha." (a' fol 73 tergo). Għalhekk preżenta il-lista l-oħra (a' Fol 81).

| Rank & No | Name & Surname | From | To | Date |
|---|---|---|---|---|
| Insp . | Pierre Attard | MSS | GHQ Posting Pool (Duties with Frontex | 03.12.2010 - 18.12.2016<br>01.07.2017 to date |
| | | | | |
| Insp . | Sandro Camilleri | Legal Office | GHQ Posting Pool (Duty at G.W.U.) | 23.03.15 |
| | | | | |
| S. Insp | Michael A. Mallia | GHQ Posting Pool | Appointed Liaison Officer at The Hague | 05.02.16 |
| | | | | |
| Insp | Angelo Gafa' | MSS | GHQ Posting Pool (Appointed CEO within the Malta Police Force | 01.01.17 |
| | | | | |
| Rank & No | Name & Surname | From | To | Date |
| Insp. | Raymond Cassar | Europol Office | GHQ Posting Pool (National Expert with Europol National Unit | 25.06.17 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Insp. | Mario Cuschieri | Europol Office | GHQ Posting Pool (Police Attache' JHA Counsellor | 18.10.17 |
| | | | | |
| Insp. | Charlotte Curmi | District 5 'K' Zurrieq | GHQ Posting Pool (working with Voluntary Organisation St. Jeanne Antide Foundation | 17.09.18 |
| | | | | |

F'din ix-xhieda spjega wieħed wieħed il-moviment ta' kull persuna imsemmija. Il-Qorti ser tirraporta wieħed wieħed l-ispjega li ta x-xhud fir-rigward ta' kull persuna, peress li dan huwa eżerċizzju neċessarju għal punt li qiegħed ikun eżaminat.

Spettur Pierre Attard:

Din il-persuna tmur fuq bażi tal-liġi tal-MSS li tagħti l-poter li titlob is-servizz ta' persuna bħal din. Fil-fatt huwa minnu li artikolu 5 tal-Kap 391 tal-liġijiet ta' Malta tagħti s-setgħa li l-Kap tas-Servizzi Sigrieti jitlob is-servizz ta' membri u ta' persuni oħra impjegati jew maħtura fi jew għall-għanijiet tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta kif ukoll ta' kull korp dixxiplinat ieħor tal-Istat.

Għalhekk sa fejn jirrigwarda ċ-ċaqliq ta' din il-persuna, dan kien meħtieġ mill-liġi.

Spettur Neil Harrison

Dan ismu ma jidhirx fit-tieni lista għaliex ix-xhud jispjega li t-talba tar-rikorrent kienet għal dawk li ġew seconded fil-grad ta' Spettur, mentri dan l-uffiċjal huwa Assistant Kummissarju.

Sandro Camillieri

Dan mexa minn mal Korp abbażi ta' dak li jgħid il-*Public management Code* dwar ċaqliq ta'personnel għal ma' Trade Union. Fil-fatt dan il-Kodiċi jistabilixxi hekk :

*Public employees may be released with recognized trade unions that are signatories to the Collective Agreement for Employees in the Public Service or signatories to any other Sectoral Agreement for public employees.*

Ix-xhud Kenneth Haber fis-seduta tal-1 ta' Diċembru 2020 qal hekk fir-rigward ta' Sandro Camilleri:

"**Xhud**: *Min-naha tal-Union jistghu jitolbu bniedem*.

**Qorti**: *Yes*

**Xhud**: *Li qieghed fil-Korp tal-Pulizija, fi kwalunkwe dipartiment.*

**Qorti:** *u talbuh kienu dawn?*

**Xhud**: *Sa fejn naf jiena kienu talbuh.*

**Qorti**: *U ghal min kienu talbu?*

**Xhud**: *Ghal Sandro Camilleri sa fejn naf jiena."* (A' fol 86).

Sylvana Briffa

Għal darba oħra, Kenneth Haber, fil-każ ta' din il-persuna spjega kif din ma kienitx seconded. Imma kienet bil-leave. Ix-xhud jispjega, li din marret mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Fi kliem l-isess xhud "…*ma jkolliex is-servizz ghaddej. Jigifieri is-sena li tkun ghamlet hemm jew l-ammont taz-zmien li tkun ghamlet hemm ma jghoddx."* (a' fol 76 tergo Emfażi tal-Qorti).

Il-Qorti tirrileva li, li kieku kienet ġiet seconded is-servizz għal perjodu li tkun għamlet banda oħra ma jintilifx ai fini tas-servizz fil-Korp.

Michael Mallia

Dan Appointed Liason Officer The Hague. Biex dan jokkupa dan il-post, Kenneth Haber jispjega li fir-rigward ta' din il-persuna kien hemm *call* interna jew *call* min-naħa tal-Ministeru hu jkun ġie magħżul u mar the Hague jirrappreżenta lill-Korp. (a' fol 77). Din hija kariga rikjesta mil-obbligi li għandu l-Istat Malti fi ħdan l-Istrutturi tal-Unjoni Ewropeja.

Raymond Cassar u Mario Cuschieri

Fil-waqt li Raymond Cassar kien national expert u Mario Cuschieri attache', iċ-ċaqliq tagħhom ma kienx jikkonsisti f'*secondment*. L-ewwel wieħed spiċċa national Expert mal-Europol National (Unit) mentri it-tieni wieħed JHA Counsellor bħala Police attache. Ix-xhud Kenneth Haber jispjega li dawn ikunu intbagħtu mill-Korp tal-Pulizija u għadhom jagħmlu xogħol pulizjesk. Ix-xhud jagħmel emfażi li din hi d-differenza bejn il-każ ta' dawn it-tnejn u dak tar-rikorrent (a' fol 77).

Angelo Gafa'

L-osservazzjoni fuq imsemmija tapplika ukoll għal Angelo Gafa' li ukoll li jidher li baqa' fi ħdan il-Korp tal-Pulizija bħala *"CEO within the Malta Police Force"*.

Charlotte Curmi

Din għażlet li tmur taħdem mal-NGO St. Jeanne Antide. Din iċċaqalqet għaliex kienet tagħmel xogħol soċjali fost nisa imsawwta. Għalkemm din marret mal-NGO bis-servizz tagħha ( ara a' fol 78 tergo).

Fil-każ ta' Spetturi li talbu *secondment* mill-Korp għal mal-FIAU bħal ma għamel ir-rikorrent, jidher li kien hemm tlieta. Jidher li kienu talbu *secondment,* iżda spiċċaw mal-FIAU wara li rreżenjaw. (Ara xhieda ta' Lawrence Cutajar 84 u 85). Fix-xhiedha tiegħu, l-ex-Kummissarju Lawrence Cutajar ma kienx kategoriku fir-rigward ta' dawn it-tlieta minn nies, għaliex kull darba qal "*I stand to be corrected*" (a' fol 85). Iżda minn eżami tad-dokumenti esebiti minn Kenneth Haber, minn imkien ma jirriżulta li dawn it-tlett persuni kienu parti miċ-ċaqliq b'secondment biex spiċċaw l-FIAU (a' fol 58 u 81).

Dan ifisser, li dawn it-tlieta minn nies li kienu oriġinarjament fil-Korp tal-Pulizija, spiċċaw mal-FIAU u verosimilment irreżenjaw, kif fil-fatt jindika Lawrence Cutajar. Huwa wkoll rilevanti li dawn it-tlieta, bħar-rikorrent ukoll kienu fl-"Economic Crime Unit". (Ara a' fol 85 xhieda Lawrence Cutajar).

Fil-fatt, anke ir-rikorrent għamel l-istess ħaġa. Irreżenja u iċċaqlaq għal mal-FIAU. Għaliex għalkemm kien hemm xi *overlap* taż-żminijiet bejn iż-żewġ impjiegi minħabba *unpaid leave* u anke konteġġi oħra, finalment issiġillat kollox ir-riżenja tiegħu. Fil-fatt dan jgħidu l-istess rikorrenti fil-premessa numru 8 tar-

rikors promotur tiegħu. Tant dan huwa minnu, li r-rikorrent, wara din id-darba spiċċa mill-FIAU, talab lill-intimat Kummissarju sabiex ikun irringaġġat (*reinstated*) fil-Korp tal-Pulizija. Talba bħal din setgħet issir biss, għaliex ma kienx għadu fl-impieg mal-Korp. Iżda dwar ir-ringaġġament aktar 'l quddiem.

L-awturi jispjegaw hekk :

*"The second comparative element of the concept of equality consists of the question of whether the cases at hand are equal or unequal in the relevant respects. In order to be able to ask the question, a yard stick has to be developed, which has to be applied to both cases and on that basis the ensuing results have to be compared. The crux of the matter is the yardstick of the criteria for the use of comparison. Since two cases can be said to be equal in some respects and unequal in others, for the comparability test to be meaningful, the criteria have to be adequately related to the object of the provision which prescribes. To the extent that such is the case, the comparison which is inherent in the in the equality test puts in focus the goals underlying the provison concerned."* (**Van Djik and Van Hoof Theory and Practice of the European Convention on Human Rights. 2nd Ed pg 540**).

Huwa għalhekk li din il-Qorti għamlet elenku tal-persuni li issemmew, bir-rank tagħhom u fejn marru. Huwa għalhekk li fir-rigward ta' kull wieħed għamlet emfażi fejn joħorġu d-differenzi fiċ-ċirkostanzi bejn kull każ imsemmi u dak tar-rikorrent. Ebda wieħed minnhom ma kien fl-istess posizzjoni tar-rikorrent. Is-sitwazzjoni ta' kull wieħed minnhom ma hiex analoga għal dik tiegħu.

L-uniku tlieta li setgħu kienu, huma dawk li talbu *secondment* għal mal-FIAU bħar-rikorrent u t-talba tagħhom ma kinitx milqugħa. Kienu fl-istess rank tiegħu u t-tlieta marru l-FIAU. Iżda biex jiċċaqalqu mal-FIAU kellhom jirreżenjaw. Fost dawn kien hemm Shaun Scicluna u William Scicluna (a' fol 165). Eżatt u analogi tas-sitwazzjoni tar-rikorrent.

Li ma kienx hekk, kif diġa' aċċennat aktar 'l fuq, isimihom kien ċertament kien jidher fiż-żewġ listi fuq imsemmija esebiti minn Kenneth Haber. Bħala kumment ġenerali, fil-listi esebiti minn Kenneth Haber kull persuna indikata ma talbitx li tingħaqad mal-FIAU. Ir-rikorrent iddikjara kemm-il darba li kien jaf li dan ġara u fil-konfront ta' oħrajn, iżda qatt ma inġabet prova speċifika dwar dan fis-sens ta' persuni fl-istess sitwazzjoni tiegħu u ġew trattati differentement minnu fis-sens li dak li talab hu ġie konċess lilhom u mhux lilu.

Għalhekk meta din il-Qorti tagħmel il-paragun li titlob anke d-duttrina tal-ECHR, ma tistax tkun konvinta li teżisti diskriminazzjoni fis-sens kif irid artikolu 14 tal-Konvenzjoni, li kif diġa' ingħad aktar 'l fuq, in-nozzjoni li jippresenta dan l-artikolu huma similment applikabbli għal Protokoll 12 tal-Konvenzjoni.

Il-Qorti fl-aħħar nett ma tistax ma tosservax is-segwenti. Wara li r-rikorrent ma ġiex *seconded* irriżenja mill-Korp biex jingħaqad mal-FIAU. Kien wara li ma' baqax mal-FIAU, u preċiżament meta l-impieg tiegħu ġie tterminat u wara li talab lill-Kummissarju tal-Pulizija biex ikompli fil-Korp u allura jkun ringaġġjat (*reinstated*) li qanqal il-kwistjoni tas-*secondment.* Iġifieri, flok istitwixxa dawn il-proċeduri tempestivament indipendentement mill-fatt li spiċċa impjegat mal-

FIAU, kellha tkun it-terminazzjoni tal-impieg tiegħu minn ma' din l-aħħar Awtorita', sabiex iressaq l-ilment tiegħu dwar *secondment*.

Il-Qorti fil-fatt temmen, li li kieku l-FIAU ma itterminatx l-impieg tiegħu, ma kienx jistitwixxi proċeduri dwar il-kwistjoni tas-*secondment*. Talinqas minn imkien ma jirriżulta mill-atti, li kien irriserva il-posizzjoni tiegħu f'dan ir-rigward minkejja l-ingaġġ tiegħu mal-FIAU.

**<u>Ir-re-instatment</u>**

Jibda biex jingħad, li l-istess prinċipji u nozzjonijiet ġuridiċi tal-kunċett ta' diskriminazzjoni f'dan ir-rigward huma applikabbli għal dan l-aspett tal-ilment. Għalhekk sabiex tiġi evitata repetizzjoni inutli, issir referenza għal dak li ntqal aktar 'l fuq dwar x'jgħidu s-Sentenzi u l-awturi.

Din id-darba l-ilment tar-rikorrent jirrigwarda rikjesta tiegħu biex <u>*jerga'* jissieħeb</u> fil-Korp tal-Pulizija ossia jkun ringaġġat fis-sens jiġi *reinstated*. Il-Kap 164 tal-liġijiet ta' Malta ftit li xejn jitfa' dawl fuq sitwazzjonijiet bħal dawn. Il-kelma *reistatement* ma tissemmiex ħlief meta "*ikun sussegwentement <u>issejjaħ lura</u> fil-Korp bl-approvazzjoni tal-Prim Ministru minħabba fl-esiġenzi tal-Korp, u dik is-sejħa lura tiġi ċertifikata mill-Prim Ministru."* (Emfażi tal-Qorti) F'dan il-każ ikun ġie imsejjaħ u mhux talab.

Ma hemm xejn fil-liġi li tirregola x'jiġri f'sitwazzjoni meta l-persuna tkun talbet li tiġi ringaġġjata. Pjuttost hija prassi ossia regola li ukoll maż-żmien issir liġi u dan anke skont id-definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi liġi skont il-Kap 249 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioe' "*liġi" tinkludi kull dokument li jkollu saħħa ta' liġi <u>u kull regola ta'</u>*

*liġi mhux miktuba, u "skont il-liġi" u "legalment" għandhom jiftiehmu f'dan is-sens;"* (Emfażi tal-Qorti). Din hija ukoll id-definizzjoni identika ta' x'inhi liġi taħt artikolu 24 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar dan 'l-ilment. Huwa ovvju li talba bħal din tista' issir biss meta dak li jkun ma jkunx għadu fil-Korp, altrimenti talba bħal din tkun mingħajr sens. Hadd ma jista' jitlob li jkun ringaġġjat meta għadu fl-ingaġġ. Ma hux daqshekk ċar meta rriżenja r-rikorrent mill-Korp tal-Pulizja, għaliex filwaqt f'ittra datat l-1 ta' Novembru 2016 intqal "*Please note that Inspector Ferris has opted to resign from the Police Force as from today*" (ara paġna 5 tal-File intitolat Ex-Inspector Jonathan Ferris), f'dikjarazzjoni ta' WPS 248 Kimberley Hill tad-19 ta' Mejju 2019 jirriżulta li r-rikorrent kien irritorna s-service card f'din id-data.

Fiċ-ċertifikat tas-Servizz, li presubilment ir-rikorrent kellu kopja tiegħu, 19 ta' Mejju 2017 hija indikata bħala it-terminazzjoni tas-servizz "*minhabba li rrizenja*" (ara a' fol 40). Fit-*termination of employment form* ukoll jidher li rriżenja fid-19 ta' Mejju 2017 (a' fol 270 ). Jirriżulta ukoll li b'effett mid-19 ta' Mejju 2017, ir-rikorrent ma baqax igawdi mill-benefiċċju ta' użu ta' mobile (Ara a' fol 45 tergo u 46). Magħduda ma' xhieda u ċirkostanzi oħra li jemerġu mill-atti, din il-Qorti tifhem li d-data tad-19 ta' Mejju 2017 kienet id-data effettiva ta' meta rriżenja r-rikorrent minn mal-Korp.

L-aħjar verżjoni ta' kif seħħew l-avvenimenti hija x-xhieda ta' Mario Spiteri u dan jispjega hekk:

"…*Is-sur Ferris kien kellem lill-Kummissarju u wrieh ix-xewqa li jerga' jidhol fil-korp tal-Pulizija, Kien minghalija is-17 ta' Mejju 2019. Ovvjament il-Kummissarju qallu li ma kellux oġġezzjoni. Kienet gejja l-elezzjoni u kien qallu bhal speci…ha jghaddu dawn il-jiem tal-elezzjoni u ghamilli reinstatement form, biex ikun jista' jidhol. Qallu jien ma ghandiex oggezzjoni… Qalu igifieri biex jidhol.*" (a' fol 59 tergo).

Ir-rikorrent għamel it-talba tiegħu għal *reinstatement* fis-16 ta' Ġunju 2017 (Ara ittra datata 5 ta' Lulju 2017 mibgħuta mill-avukat Chris Busietta Lill-Kummissarju a' fol 136 u 137). Sabiex persuna jikkwalifika għal *reinstatement* kien hemm ukoll sett ta' kriterji li jridu jkunu sodisfatti. L-istess Lawrence Cutajar jikkonferma li r-rikorrent kien jissodisfhom (a' fol 93).

Minn Mistoqsija Parlamentari jirriżulta ukoll, li kien hemm kwantita' ta' persuni li kienu rriżenjaw u ġew ringaġġati, b'uħud bis-sena ta' riżenja tagħhom tmur lura sal-1986. (a' fol 120). Kien hemm PQ's oħra f'dan is-sens, anke fir-rigward ta' persuni li ma kellhomx fedina penali netta (a' fol 123). Fil-fehma ta' din il-Qorti dawn kollha huma indikazzjonijiet li jimmiltaw favur l-ilqugħ tat-talba tar-rikorrent.

Kif ser naraw, il-każ tar-rikorrent huwa partikulari u jrid jittieħed fil-kuntest ta' dak li għamel, pendenti t-talba tiegħu għar-ringaġġjament. Il-mistoqsija hija waħda, kien hemm raġuni tajba u raġjonevoli biex tiġġustifika l-aġir tal-intimat Kummissarju fil-konfront tar-rikorrent, u dan b'mod li ma jistax jingħad li tali aġir huwa diskriminatorju fis-sens li trid il-Konvenzjoni?

Il-liġi industrijali tagħna tieħu l-kunċett ta' *reinstatement* b'serjeta' kbira, anke meta persuna tkun tkeċċiet inġustament. F'dan ir-rigward, artikolu 81 tal-Kap 452 tal-liġijiet ta' Malta jippermetti lit-Tribunal industrijali jordna li l-impjegat jidħol lura għax-xogħol jekk jidhirlu li jkun prattikabbli. Ir-*reinstatement* sabiex isir jrid jirriżulta li r-relazzjonijiet bejn il-prinċipal u l-impjegat huma f'sens ġenerali, jekk mhux sereni għall-aħħar, talinqas tajbin.

Dan qiegħed jingħad, għaliex sakemm ir-rikorrent kien qiegħed jistenna li jkollu risposta dwar it-talba tiegħu għar-ringaġġ, ħass li kellu jmur fil-media lokali u jikkritika l-mod kif kienu qiegħdin jitmexxew l-affarijiet fil-Korp.

Issa l-Qorti qed tagħmilha ċara, li hi bl-ebda mod ma qed tiċċensura lir-rikorrent għaliex eżerċita d-dritt ta' espressjoni tiegħu. Dan mogħti lilu mill-Kostituzzjoni u ħadd ma jista' joħodulu. Iżda fl-istess ħin, il-Qorti ma tistax ma tinnotax, li dak li deher fil-media lokali saħansitra n-neċessita' li tinħareġ stqarrija stampa fis-16 ta' Lulju 2017 mit-Taqsima tar-relazzjonijiet mal-Komunita' tal-Istampa tal-Korp tal-Pulizija biex il-Korp jiċħad dak li ġie allegat mir-rikorrent (a' fol 184). F'intervista tas-16 ta' Lulju 2017, ir-rikorrent ta intervista lit-Times dwar problemi li kien qiegħed jiltaqa' magħhom fl-FIAU u żvela li saħansitra kien qiegħed ikun imwarrab. Fost oħrajn, f'dan l-artikolu ġie rraportat li qal hekk;

"*Referring to the now infamous 'suitcase' episode captured by Net TV he says All the Police Commissioner had to do before going to eat rabbit was to phone the Imsida branch and get the inspector open an immediate inquiry"* (a' fol 142 emfażi tal-Qorti). B'kummenti bħal dawn, ir-rikorrent għażel li jidħol fil-miskja tal-kontroversja politika roventi tal-mument. Li kieku r-rikorrent kien għadu fil-Korp

tal-Pulizija seta' jirrendi ruħu passibbli għal dak li jiddisponi ir-regolamenti 1(c) u 6(c) taħt t-tieni skeda tal-Kap 164 tal-Liġijiet ta' Malta. Għażla libera tiegħu li jgħid li jrid u li ma kien hemm xejn li jżommu milli jagħmilha, pero' dejjem bil-konsegwenzi kollha li din tista' ġġib magħha.

Dawn il-pubblikazzjonijiet kienu xahar eżatt wara li kien talab lill-Kumissarju li xtaq jerġa' jidħol lura għax-xogħol. Bħal din l-intervista għamel oħrajn li deheru fl-istess xahar. (Ara 155). F'dawn l-intervisti jsemmi anke l-problemi li kellu fl-FIAU u anke jidħol f'ċertu dettal ta' kif taħdem din l-Aġenzija u dan minkejja li xehed li ma jużax "*knowledge li jiena gibt mill-FIAU minghajr permess taghha"*(a' fol 30 tergo).

Jidher li dak li wassal lir-rikorrent jagħti dawn l-intervisti, dejjem skont kif qal lil ġurnalist, kien il-fatt, li sar jaf li kien hemm min kien ġie *reinstated* qabel l-elezzjoni tal-2017, dan dejjem fid-dawl ta' dak li kien wegħdu l-Kummissarju. Huwa minnu li permezz ta' PQ 123 jirriżulta li bejn Jannar 2016 u 30 ta' Ġunju 2017 ġew ingaġġati 204 membru fil-Korp tal-Pulizija li 25 minnhom kellhom fedina penali li ma kienitx netta (a'fol 123). Din il-PQ saret fis-17 ta' Lulju 2017 mentri waħda mill-intervisti mogħtijin kienet il-ġurnata ta' qabel.

Fil-fhema tal-Qorti r-rikorrent kien impulsiv, anke jekk kien urtat b'dak li seta' sar jaf. Il-Qorti tħoss li l-intervisti li r-rikorrent ta lil media lokali fil-mument li kien għadu qed jistenna risposta għat-talba ta' *reinstatement,* poġġitu f'posizzjoni ta' konfront ma' min kien qiegħed jippretendi li jkun impjegat.

Tajjeb li jingħad li Kenneth Haber xehed ukoll hekk:

"*Jiena iccekkjajt il-file tieghu, hadt noti, hu kien applika b'ittra datata 16 ta' Gunju 2017, ircevejniha ahna on the* $19^{th}$, *sussegwentement fil-file hemm minuta ta' DC dak inhar jew ma nafx nahseb ma nafx kienx id-DC jew AC Dr. Mario Spiteri, li kien inkarigat mill-ammistrazzjoni u l-HR dak iz-zmien. F'minuta tieghu li ghamel il-Kummissarju on the* $23^{rd}$ *ta' Gunju 2017, lill- Kumissarju kien qallu li s-Sur Ferris elegibli biex jerga' jigi reinstated fil-Korp, biex jerga' jidhol. Sussegwentement il-Kummissarju kien qal lid-DC fis-27 ta' Gunju tas-seventeen ukoll, qallu bring up, erga' gib il-file at the end of July."* (a' fol 115). Dan kien meta kienet għaddiet l-elezzjoni li saret fit-3 ta'Gunju 2017 u qabel ma r-rikorrent beda jagħti l-intervisti imsemmija.

Minn dan il-passaġġ jemerġi, li għalkemm tassew seta' kien hemm oħrajn li ġew ringaġġjati qabel l-elezzjoni, il-każ tiegħu xorta kien qiegħed ikun kkunsidrat. Li kieku it-talba tiegħu kienet ġiet rifjutata, il-prova ta' ringaġġjament ta' oħrajn qabel l-elezzjoni, kien ikollha valur kbir. Iżda in kontro eżami, konsonanti ma' dak li xehed Kenneth Haber fuq il-minuta imsemmija, Lawrence Cutajar jgħid ċar, li bejn il-perjodu li saret it-talba għal *reinstatement* u l-ewwel intervista li ta r-rikorrent, it-talba tiegħu kienet għadha qed tiġi kunsidrata (a' fol 172). Għalhekk għalkemm bosta tassew ġew ringaġġjati qabel l-elezzjoni, dan ma kienx ifisser li hu ma kienx ser ikun ingaġġat wara l-elezzjoni. Il-Qorti tirrileva li Lawrence Cutajar kien qallu li ma kellux oġġezzjoni li jkun ringaġġat (Ara xhieda Mario Spiteri supra).

Dik kienet wara kollox dak li qallu l-Kummissarju ta' dak iż-żmien. Il-fatt li hu għażel li jesponi kollox fil-pubbliku u fil-kuntest li kien hemm diċeriji ta' leakages

lil media, ma għen xejn lir-rikorrent fit-talba tiegħu għal *reinstatement*. Il-Qorti b'ebda mod ma hi timputa lir-rikorrent kellu x'jaqsam ma' dawn il-leakages, iżda dan jidher, li kien fattur, li dak iż-żmien kien qiegħed jippreokkupa lill-Kummissarju.

Ir-rikorrent seta; kien aktar prudenti u kawt. Flok għażel li jitlob xi xorta ta' spjegazzjoni, mar mill-ewwel fil-media. Talba għall-spjegazzjoni kienet tgħin sabiex fil-każ ta' tweġiba u anke mingħajrha, isservi bħala prova aktar ċara u konvinċenti li t-talbiet tiegħu ma kienux ser ikunu ndirizzati billi jiġu miċħuda jew għaliex jitħalla fil-limbu mingħajr risposta. Għalhekk dan il-fattur ser ikun qiegħed jittieħed inkonsiderazzjoni ai fini ta' rimedju.

Ir-rikorrenti jilmenta li dawn ir-rapporti daħlu fil-file tiegħu u magħhom oħrajn (a' fol 218). Fil-fehma tal-Qorti, meta persuna tesponi ruħha pubblikament, hemm iċ-ċans tajjeb, li kull employer dejjem ser jieħu nota tagħhom partikularment, jekk dak li jgħid huwa dwar l-impieg li qiegħed fiħ jew qed jaspira għalih, aktar u aktar jekk dan l-impieg ikun ma' Korp dixxiplinat. Fil-fatt, din il-Qorti ma teskludiex, li din setgħet kienet ir-raġuni prinċipali li waslet għas-sitwazzjoni li sab ruħu fiha r-rikorrent (Ara a' fol 175 xhieda Lawrence Cutajar kontro eżami). Ma hemm xejn fl-atti li jindika li t-talba tiegħu ma kienitx ser tintlaqa'. Pjuttost bil-kuntrarju, anke kif jirriżulta mill-minuta fuq imsemmija.

Ir-rikorrent jargumenta ukoll "*Illi wiehed kien jistenna li Kummissarju tal-Pulizija li ghandu ghal qalbu l-gustizzja u l-verita', kien ikun kburi li kien rabba' fizzjal b'daqshekk sens ta' dmir lejn dmirijietu, lejn pajjizu u lejn il-gustizzja u l-verita' li kien imdejjaq bil-fatt illi kien hemm min fil-Korp illi kien qieghed jipprova jghatti*

*ghall-kriminali, Izda jidher illi, gara propju l-kontra, u skont Lawrence Cutajar, dawn ir-rapporti fil-media kienu 'naqra inkwetanti'* (a' fol 219).

Dak li ddiskriva bħal "*naqra inkwetanti*" ma kienux l-intervisti per se, iżda r-retroxena dwar *leakages.* Kienu kemm kienu tajbin l-intenzjonijiet tar-rikorrent, fil-fehma tal-Qorti, kellu jagħżel toroq oħra u mhux imur għand il-media mal-ħaġra t-tajn, hekk kif sar jaf b'oħrajn li kienu ġew reinstated qabel l-elezzjoni.

Min naħa l-oħra, lanqas ma l-Qorti tista' tinjora li 'l fuq minn mitejn persuna kienu ġew *reinstated* qabel l-elezzjoni, b'uħud minnhom u anke b'kondotta mhux nadifa. Ir-rikorrent għamel l-istess talba u tħalla jistenna għal wara l-elezzjoni mentri dawn il-mitejn ma kellomx għalfejn jistennew. Ma ħaritġx ċar għaliex ir-rikorrent ingħata dan it-trattament differenzjali biex il-Qorti tiżen jekk dan kienx ġustifikat u oġġettivament aċċettabbli. Tul ix-xhieda tiegħu Lawrence Cutajar bħal donnu ried jgħid xi ħaġa, imma dejjem baqa' lura milli jgħidha jew jgħidha ċar u tond. Jeqreb lejn x'seta' kienet ir-raġuni, meta jgħid li kien hemm xi allegazzjonijiet fil-konfront tar-rikorrent u għall-ewwel darba jorbotha ma' xi leakages, għalkemm fl-istess ħin jgħid ukoll li ma jiftakarx eżatt (a' 173 tergo u 174).

Imma l-eżami jrid isir huwa *ex-tunc* u mhux *ex-nunc.* L-eżami li jrid isir huwa ta' meta r-rikorrent għamel it-talba u ċioe' qabel l-elezzjoni bħal ma għamlu mitejn l-oħra u mhux wara l-elezzjoni u meta saru l-intervisti tar-rikorrent. L-eżami jirreferi għall-mument meta saret it-talba fiż-żmien meta mitejn oħra kienu għamlu talba simili u li saħansitra ġew milqugħa. Dawk li kienu preżenti għal-laqgħa li kellu mal-Kummissarju dak iż-żmien, Mario Spiteri, f'ebda ħin ma jgħid

li f'dak il-mument partikulari ngħatat xi raġuni ċara għaliex it-talba tiegħu tħalliet għal wara l-elezzjoni. Żgur mhux minħabba l-intervisti, għaliex dawn saru xahar wara.

Il-Qorti tifhem, li r-rapporti fil-media kellhom effett kbir fuq il-Kummissarju ta' dak iż-żmien, imma mhux fil-mument li saret it-talba, meta messha ntlaqat jew ġiet rifjutata. Kif intqal aktar il-fuq, trattament differenzjali huwa aċċettabbli meta jkollu għan leġittimu. Iżda dan ma jkunx il-każ meta *"it has no objective and reasonable justification".* (Ara **Molla Sali -vs- Greece 2018; Fábián -vs- Hungary 2017; Abdulaziz, Cabales and Balkandali -vs- the United Kingdom, 1985**).

Kien ikun aħjar li t-talba rikorrenti ġiet miċħuda b'raġuni ċara milli il-kwistjoni tħalliet għal wara l-elezzjoni. Mingħajr din ir-raġuni ċara, din il-Qorti ma tistax tgħid li kien hemm xi raġuni oġġettiva u raġjonevolment ġustifikabbli, li tippermetti trattament differenzjali bejn ir-rikorrent u dawk il-mitejn li ġew reinstated qabel l-elezzjoni.

Pero', kif ingħad aktar 'l fuq, b'dak li qal ir-rikorrent f'dawk l-intervisti, poġġewħ f'pożizzjoni li ma jkunx kompatibbli, li fost ir-rimedji li ser tagħti din il-Qorti jkun hemm ordni għall-*reinstatement*. Pero' anke f'dan ir-rigward, *reinstatement* jista' jsir biss bl-awtorizżżazzjoni tal-Prim Ministru, li ma huwiex parti għal dawn il-proċeduri (Ara artikolu 3(a) tal-Kap 164 tal-liġijiet ta' Malta).

Konsegwentement din il-Qorti ma tistax tqies li kien hemm ksur tal-artikolu 1 tal-Protokoll wieħed tal-Konvenzjoni għaliex is-*service pension* kienet tkun

intitolata kieku ser ikun hemm *reinstatement* u kif fuq spjegat, dan mhux ser isir b'din is-Sentenza.

Tħoss li fiċ-ċirkostanzi kumpens fl-ammont ta' għoxrin elf ewro (€20,000) ikun adegwat.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi dawn il-proċeduri bil-mod segwenti:

**Tilqa'** l-ewwel talba limitatament għall-ilment dwar ir-*reinstatement* li pero' mhux qed tordnaħ għar-raġunijiet fuq imsemmija.

**Tiċħad** it-tieni talba.

**Tilqa'** it-tielet u ir-raba' talbiet, billi filwaqt li tillikwida l-kumpens fl-ammont ta' għoxrin elf ewro (€20,000) tikkundanna lill-intimat iħallas dan l-ammont lir-rikorrent.

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tal-ħames talba.

Spejjeż ta' dawn il-proċeduri, kwantu għall-tlett kwarti għall-intimat u l-kwart l-ieħor għar-rikorrent.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**